**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 27 ta' Mejju 2021.**

**Rikors Nru. 1131/2020 GM**

**Mġarr Farming Co. Ltd (C-31163)**

**vs**

**Dusk & Dawn Co. Ltd (C-21800)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat ta' Mġarr Farming Co. Ltd (C-21800) li permezz tiegħu wara li ppremettiet illi :

> Biegħet u kkunsinnat diversi konsenji ta' prodotti lis-soċjeta` konvenuta, konsistenti *inter alia* f'frott u ħaxix, *salads* u konsenji ta' prodotti simili.
>
> Għalkemm is-soċjeta` konvenuta ħallset għal numru mill-konsenji ta' prodotti mibjugħin u kkunsinnati lilha, hija għadha ma ħallsitx għall-ammont kollu dovut lis-soċjeta` attriċi.

L-ammont li għadu dovut huwa ta' tmienja u erbgħin elf, tmien mija u tmienja u ħamsin ewro u disgħa u tmenin ċenteżmu (€48,858.89), u dan hekk kif jidher fid-Debtor Statement li qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala Dok B.

Minkejja diversi interpellazzjonijiet u minkejja diversi wegħdiet ta' ħlas, is-soċjeta` konvenuta baqgħet inadempjenti.

Għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Ai fini tal-Arrikolu 167 tal-Kodiċi tal-Organizazzjoni u l-Proċedura Ċivili, Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, Dorian Galea (K.I. Nru. 242488M) fil-kapaċita` tiegħu ta’ Direttur awtorizzat biex jirrappreżenta lis-soċjeta` attriċi ai fini ta’ dawn il-proċeduri, jiddikjara li s-soċjeta' konvenuta m'għandha ebda eċċezzjoni x’tagħti kontra t-talba tar-rikorenti, u dan anki kif jirriżulta mid-dikjarazzjoni ġuramentata annessa bħala Dok C.

Talbet lil din il-Qorti sabiex:

i. Taqta' u tiddeċiedi t-talbiet attriċi bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża u dan billi jikkonkorru l-ħtiġijiet kollha skont l-Artikolu 167 tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u proċedura Ċivili;

ii. Tiddikjara li għar-raġunijiet premessi s-soċjeta` konvenuta hija debitriċi tas-soċjeta` attriċi fl-ammont ta’ tmienja u erbgħin elf, tmien mija u tmienja u ħamsin ewro u disgħa u tmenin ċenteżmu (€48,858.89).

iii. Tiddikjara li (*sic*) is-soċjeta` konvenuta tħallas lis-soċjeta' attriċi l-imsemmija somma ta’ tmienja u erbgħin elf, tmien mija u tmienja u ħamsin ewro u disgħa u tmenin ċenteżmu (€48,858.89).

Bl-ispejjeż, inkluż tar-mandat ta' sekwestru li qed jiġi preżentat kontestwalment, u bl-imgħaxijiet legali sa mid-data ta’ kull fattura sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-soċjeta' konvenuta.

Rat illi Joseph Camilleri, direttur tas-soċjeta` konvenuta, ippreżenta nota ta` ammissjoni tat-talbiet kollha attrici.

Fuq ammissjoni tal-konvenuti, taqta` u tiddeciedi l-kawża billi:

1. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel talba.

2. Tilqa’ t-tieni talba billi tiddikjara li għar-raġunijiet premessi s-soċjeta` konvenuta hija debitriċi tas-soċjeta` attriċi fl-ammont ta’ tmienja u erbgħin elf, tmien mija u tmienja u ħamsin ewro u disgħa u tmenin ċenteżmu (€48,858.89).

3. Tilqa’ t-tielet talba billi tikkundanna lis-soċjeta` konvenuta tħallas lis-soċjeta' attriċi l-imsemmija somma ta’ tmienja u erbgħin elf, tmien mija u tmienja u ħamsin ewro u disgħa u tmenin ċenteżmu (€48,858.89).

Bl-ispejjeż, inkluż tar-mandat ta' sekwestru ppreżentat kontestwalment mar-rikors maħluf, u bl-imgħaxijiet legali mid-data ta’ kull fattura sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-soċjeta` konvenuta.

Moqrija.

GRAZIO MERCIECA

IMĦALLEF